# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 21 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 42.**
**Citazz. Nru. 1389/00 JRM**

**Mariella XERRI**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni tas-6 ta' Lulju, 2000, li bih l-attrici, wara li ppremettiet:

Illi fl-Att tat-Twelid taghha li jgib in-numru progressiv hames mija u tmienja u sebghin tas-sena elf disa' mija u tliet u sittin [578/1963] fl-intestatura "*Ismijiet moghtijin*", l-ismijiet **"Mariella (Maria-Anna)"** gew erronjament imnizzlin u ghandhom jigu sostititi bl-ismijiet **"Mariella (Maria-Anna)"** [ara Dok "A"];

Illi hija minn dejjem kienet maghrufa bl-isem “Mariella” u mhux bl-isem “Maria-Anna” kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-attrici fuq indikat, u cioe’: (i) fl-intestatura “Ismijiet moghtijin” l-isem “Maria-Anna (Mariella)” jithassar u jigi sostitwit bl-isem “Mariella (Maria-Anna).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa mill-attrici u l-lista ta’ xiehda taghha, li maghha kien hemm mehmuz estratt tal-Att tat-Twelid mertu tal-kaz;

Rat in-Nota tad-29 t’Awissu, 2000, li permezz taghha l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ecepixxa li (1) mhux edott mill-fatti kif allegati fic-Citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi migbura u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti; (2) li, fi kwlaunkwe kaz, it- tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid tal-attrici m’huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tieghu, u ghalhekk m’ghandux ibghati spejjez; (3) salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-konvenut;

***Ikkunsidrat:***

Illi, qabel xejn, il-Qorti tirrimarka dwar l-ewwel premessa tal-attrici billi l-att jixhed nuqqas u li dan sehh minhabba ghelt fit-tfassil tal-Att tac-Citazzjoni. L-istess nuqqas sar fl-ewwel paragrafu tad-Dikjarazzjoni u jmur kontra dak li jirrisulta mill-Att tat-Twelid esebit bhala l-uniku dokument mahsub biex isejjes it-talba attrici. Il-verzjoni tajba (u dak li tixtieq tfisser l-attrici) tidher mit-talba. Il-konvenut, milli

jidher, lanqas intebah b'dan in-nuqqas ghax fin-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu ma jsemmi xejn. Hija hasra wkoll li l-attrici nnifisha – li ffirmat sahansitra d-Dikjarazzjoni minnha mahlufa – hadet gurament dwar fatt li jxejjen it-talba taghha! Jehtieg ghalhekk li l-Att jigi korrett. Il-Qorti, bis-setghat illum moghtija mil-ligi procedurali bis-sahha tal-artikolu 175(1) u 175(2) tal-Kap 12, qeghda ssewwi l-Att tac-Citazzjoni fis-sens li l-ewwel paragrafu fit-tielet linja tieghu l-ismijiet moghtija lill-attrici fuq l-Att tat-Twelid taghha jintwerew fl-ordni invers, jigifieri "Maria-Anna (Mariella)". Inkella, it-talba attrici ma taghmilx sens;

Il-Qorti , minkejja dak li jipprovdi l-artikolu 175, ma tistax tibdel fatt jew dikjarazzjoni mehuda b'gurament hlief fil-limiti mfissra fl-artikolu 594 tal-istess Kodici;

Meghlub dan l-intopp, wiehed irid jara jekk kemm-il darba l-azzjoni tal-attrici hijiex legalment valida, u jekk il-provi mressqa jwasslux ghall-fehma li t-talba taghha hija misthoqqa;

It-talba tal-attrici hija wahda minn dawk mahsuba fl-artikolu 253(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu u l-artikolu 254 jippreskrivu l-harsien ta' certi proceduri <u>qabel</u> ma tista' tinstama' kawza ta' din l-ghamla, u qabel ma d-Direttur jista' jigi ordnat mill-Qorti li jaghmel annotament tal-bdil mitlub mill-applikant skond ma jrid l-artikolu 256;

Il-konsulent tal-attrici, fl-ewwel dehra tas-smigh tal-kawza, stqarr li l-attrici ma kellha l-ebda prova xi tressaq dwar it-talba taghha ghajr dak li jidher mill-Att tat-Twelid taghha [Dok "A"] mehmuz mad-Dikjarazzjoni. Mhux hekk biss, imma apparti l-fatt li l-attrici ma ressqitx prova dwar jekk giex imhares dak li jipprovdi l-artikolu 254 (1), dehrilha li kien bizzejjed li tipprova "li minn dejjem kienet maghrufa" bl-isem li qeghda titlob li jitnizzel minflok dak muri fl-Att tat-Twelid taghha billi tistrieh esklussivament fuq l-imsemmi Att tat-Twelid. Il-Qorti ssibha iebsa hafna biex

tqis li l-Att tat-Twelid li sar imqar sittax-il jum wara t-twelid tal-attrici, jista' jservi bhala prova ta' dak li suppost sehh ghal bosta snin wara. Il-Qorti ssib li hija kontradizzjoni pura li att allegatament zbaljat mal-lemha tieghu huwa prova tal-kuntrarju ta' dak li juri. L-attrici nnifisha, fid-Dikjarazzjoni taghha, tghid li dak li qeghda tallega "kellu jigi pprovat waqt it-trattazzjoni" – haga li ma saritx;

Illi, huwa xieraq li wiehed josserva li dak li trid tasal ghalih l-attrici, jigifieri li jigi deciz li isimha huwa "Mariella" u mhux "Maria-Anna", jaqbel ma' dak li l-Att tat-Twelid taghha juri fl-intestatura *"Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-Tarbija ghandha tigi msejha"*. Imma, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, dan ma jfissirx li b'daqshekk l-ismijiet moghtijin kellhom ikunu l-istess, jew, izjed u izjed, li n-nuqqas ta' qbil fiz-zewg verzjonijiet huwa r-rizultat ta' zball. Ghall-kuntrarju, il-fatt li Att tat-Twelid ghandu dawk iz-zewg intestaturi jfisser li jista' jkun u huwa permissibbli li bejn l-isem/ismijiet moghti/jin lit-tarbija u l-isem/ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tissejjah matul hajjitha jkun hemm differenza. Certament ma kien ikun hemm l-ebda htiega ghaz-zewg intestaturi ta' dak l-Att kieku t-taghrif fihom kellu bilfors ikun l-istess;

Illi, bi "zball" f'att ta' l-istat civili, il-ligi taghna tifhem haga aktar minn semplici xewqa ta' bidla. Dan johrog minn diversi decizjonijiet moghtija ghar-rigward mill-Qrati taghna, u mid-disposizzjonijiet espressi tal-ligi. Ghalhekk, per ezempju, l-artikolu 248 tal-Kap 16 jipprovdi li sahansitra fejn issir tiswija ta' zball f'att ta' l-istat civili, il-kliem imhassar irid jibqa' jidher;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, il-Qorti m'hijiex konvinta li l-attrici sehhilha turi li ghandha ragun fit-talba taghha;

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi **tichad it-talba tal-attrici**, bl-ispejjez kontra taghha.

*21 ta' Novembru, 2000.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**21 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru, 2000.**